# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

20 ta' Mejju 2008 *

Fil-Kawża C-91/05,

li għandha bħala suġġett rikors għal annullament skont l-Artikolu 230 KE, imressaq fil-21 ta' Frar 2005,

**Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,** irrappreżentata minn M. Petite, P. J. Kuijper u J. Enegren, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

sostnuta minn:

**Il-Parlament Ewropew,** irrappreżentat minn R. Passos kif ukoll minn K. Lindahl u D. Gauci, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

intervenjent,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

vs

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,** irrappreżentat minn J.-C. Piris, R. Gosalbo Bono u S. Marquardt kif ukoll minn E. Finnegan, bħala aġenti,

konvenut,

sostnut minn:

**Ir-Renju tad-Danimarka,** irrappreżentat minn A. Jacobsen u C. Thorning kif ukoll minn L. Lander Madsen, bħala aġenti,

**Ir-Renju ta' Spanja,** irrappreżentat minn N. Díaz Abad, bħala aġent,

**Ir-Repubblika Franċiża,** irrappreżentata minn G. de Bergues kif ukoll minn E. Belliard u C. Jurgensen, bħala aġenti,

**Ir-Renju tal-Olanda,** irrappreżentat minn M. de Grave kif ukoll minn C. Wissels u H. G. Sevenster, bħala aġenti,

**Ir-Renju tal-Iżvezja,** irrappreżentat minn A. Falk, bħala aġent,

**Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,** irrappreżentat minn R. Caudwell u E. Jenkinson, bħala aġenti, assistiti minn A. Dashwood, barrister,

intervenjenti,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, P. Jann, C. W. A. Timmermans, A. Rosas, K. Lenaerts (Relatur), A. Tizzano u G. Arestis, Presidenti tal-Awla, A. Borg Barthet, M. Ilešič, J. Malenovský u J.-C. Bonichot, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: J. Swedenborg, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-5 ta' Diċembru 2006,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2007,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/833/PESK [PBSK], tat-2 ta'

Diċembru 2004, li timplementa l-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK [PBSK] bil-ħsieb ta' kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-ECOWAS fil-qafas tal-Moratorju fuq l-armamenti ħfief [armi żgħar] u ta' kalibru żgħir (ĠU L 359, p. 65, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), u tikkonstata li l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2002/589/PESK [PBSK], tat-12 ta' Lulju 2002, dwar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid [destabilizzanti] ta' armi żgħar [u ta' kalibru żgħir] u r-revokazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 1993/34/PESK [PBSK] (ĠU L 191, p. 1, iktar 'il quddiem l-"azzjoni konġunta inkwistjoni"), b'mod partikolari t-Titolu II tagħha, hija inapplikabbli minħabba li hija illegali.

**Il-kuntest ġuridiku u l-fatti li wasslu għall-kawża**

*Il-Ftehim ta' Cotonou*

2 Fit-23 ta' Ġunju 2000 ġie ffirmat f'Cotonou (Benin) il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn banda waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Cotonou"), approvat f'isem il-Komunità permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/159/KE, tad-19 ta' Diċembru 2002 (ĠU 2003, L 65, p. 27). Dan daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003.

3 L-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim, intitolat "Għanijiet tas-sħubija", jiddisponi:

"Il-Komunità u l-Istati Membri, fuq naħa waħda, u l-Istati [Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (iktar 'il quddiem l-"Istati ACP")], fuq naħa oħra, hawnhekk iżjed 'il

quddiem msejħa il-'Partijiet' hawnhekk jiffinalizzaw dan il-ftehim sabiex imexxu u jħaffu l-iżvilupp ekonomiku, kulturali u soċjali ta' l-Istati ACP, bl-għan li jikkontribwixxu għal paċi u sigurtà u biex imexxu ambjent politku stabbli u demokratiku.

Is-sħubija għandha tkun ibbażata fuq l-għan li jitnaqqas u fl-aħħar jitneħħa l-faqar bl-għan li jkun hemm żvilupp sostenibbli u integrazzjoni bil-mod tal-pajjiżi ta' l-ACP fl-ekonomija dinjija.

Dawn l-għanijiet u l-impenni internazzjonali ta' dawn il-Partijiet għandhom jgħarrfu lil kull strateġija ta' żvilupp u għandhom jitweqqu b'approċċ integrat u jikkonsidraw fl-istess waqt l-iżvilupp politiku, ekonomiku, soċjali, kulturali u ambjentali. Is-sħubija għandha tagħti appoġġ koerenti għal kwadru ta' [tipprovdi qafas koerenti ta' appoġġ għall-i]strategiji ta' żvilupp addottati min kull stat ta' l-ACP.

[...]"

4 L-Artikolu 11 tal-Ftehim ta' Cotonou, intitolat "Politki li jibnu l-paċi u ma jwasslux għal konflitt imma għal ftehim [u l-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti]", jipprovdi:

"1. Il-partijiet għandhom isegwu politika attiva, komprensiva u magħquda fil-tkabbir tal-paċi u li ma jwasslux għal konflitt imma għal ftehim [ta' bini tal-paċi u ta' prevenzjoni u riżoluzzjoni ta' kunflitti] fil-qafas ta' din is-Sħubija. Din il-politika għandha

tkun imsejsa fuq il-prinċipju tal-pussess [ta' approprijazzjoni]. Din għandha partikolarment tiffoka fuq it-tkabbir tal-ħiliet reġjonali, subreġjonali u nazzjonali, u li ma tħallix jiġru minn stadju kmieni konflitti vjolenti billi tindirizza l-għeruq tal-kawża tagħhom b'manjiera diretta, u [b]l-għaqda flimkien xierqa ta' l-istrumenti kollha disponibbli.

2. L-attivitajiet fil-qasam tat-tkabbir [tal-bini] tal-paċi, li ma jitħalliex isir konflitt, u ftehim [tal-prevenzjoni u tar-riżoluzzjoni ta' kunflitti] għandhom partikolarment ikollhom [jinkludu] appoġġ għal bilanċ ta' opportunitajiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali f'kull qasam tas-soċjetà, biex tissaħħaħ id-demokrazija legali [il-leġittimità demokratika] u l-effett[ività] ta' tmexxija tajba, biex jiġu stabbiliti mekkaniżmi [effettivi] għal konċiljazzjoni paċifika ta' l-interessi tal-gruppi, biex jingħelbu il-firdiet bejn diversi oqsma tas-soċjetà kif ukoll tigi appoġġjata soċjetà ċivili attiva u organizzata.

3. Attivitajiet relevanti għandhom ikollhom [jinkludu], fost oħrajn, appoġġ għal sforzi ta' medjazzjoni, negozjar u rikonċiljazzjoni, għal amministrazzjoni reġjonali effettiva ta' riżorsi naturali skarsi u mqassma [riżorsi naturali komuni skarsi], għal demobilizzar u integrazzjoni mill-ġdid ta' ġellieda ta' qabel fis-soċjetà, biex tiġi milquta [indirizzata] l-problema ta' suldati taħt l-età, kif ukoll [għal]l-azzjoni adatta biex jitwaqqfu limiti responssabbli fl-ispiża militari u l-kummerċ ta' l-armi, kif ukoll mill-appoġġ għat-tkabbir [inkluż bl-appoġġ għall-promozzjoni] u applikazzjoni ta' sistemi maqbula [standards miftiehma] u kodiċi[jiet] ta' kondotta. F'dan il-kuntest, emfażi partikolari għandha tingħata lil ġlieda kontra l-mini ta' l-art kontra n-nies kif ukoll jiġi mħares [kif ukoll kontra t-] tixrid eċċessiv u inkontrollabli [mhux ikkontrollat], traffikar illegali u ħażna [akkumulazzjoni] ta' armi żgħar u aramamenti ħfief [ta' kalibru żgħir].

[…]"

5 Skont l-Artikoli 6 sa 10 tal-Anness IV tal-Ftehim ta' Cotonou, intitolat "Il-Proċeduri ta' l-Implimentazzjoni u ta' l-Amministrazzjoni", ġew stabbiliti strateġija ta' appoġġ

[kooperazzjoni] reġjonali kif ukoll programm indikattiv reġjonali f'dokument iffirmat fid-19 ta' Frar 2003 mill-Kummissjoni, minn naħa, u mill-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS) u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent (WAEMU), min-naħa l-oħra.

6 Dan id-dokument jenfasizza, fit-Taqsima 2.3.1 tiegħu, intitolata "Is-sigurtà u l-prevenzjoni tal-konflitti", "l-importanza tal-kontroll tat-traffiku tal-armi żgħar fejn jeżisti moratorju fuq l-esportazzjoni u l-importazzjoni appoġġjat min-Nazzjonijiet Uniti" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fit-Taqsima 6.4.1 tiegħu, intitolata "Appoġġ għal politika reġjonali ta' prevenzjoni ta' kunflitti u ta' tmexxija tajba", dan id-dokument isemmi li ser tkun prevista assistenza b'appoġġ għal dik tan-Nazzjonijiet Uniti għat-twettiq tal-attivitajiet prijoritarji tal-pjan ta' azzjoni, għall-implementazzjoni tal-Moratorju fuq l-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-manifattura ta' armi żgħar.

7 Fuq talba tal-ECOWAS, il-Kummissjoni tat bidu fl-2004 għat-tħejjija ta' proposta ta' finanzjament għall-operazzjonijiet ta' prevenzjoni ta' kunflitti u ta' bini tal-paċi. Skont il-Kummissjoni, il-parti l-kbira ta' dan il-finanzjament ser jiġi allokat għall-programm tal-ECOWAS ta' kontroll tal-armi żgħar.

*L-azzjoni konġunta inkwistjoni*

8 Fit-12 ta' Lulju 2002, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta, fuq il-bażi tal-Artikolu 14 UE, l-azzjoni konġunta inkwistjoni, li ħassret u ssostitwixxiet l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 1999/34/PESK [PBSK], tas-17 ta' Diċembru 1998, dwar il-kontribuzzjoni

tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid [destabilizzanti] ta' armi żgħar [u ta' kalibru żgħir] (ĠU 1999, L 9, p. 1).

9 Skont l-Artikolu 1(1) tal-azzjoni konġunta inkwistjoni, "[l]-għanijiet ta' din l-Azzjoni Konġunta huma:

— li tiġġieled u tikkontribwixxi lejn it-tmiem ta' l-akkumulazzjoni [...] u t-tixrid [destabilizzanti] ta' l-armi żgħar,

— li tikkontribwixxi lejn in-nuqqas [it-tnaqqis] ta' akkumulazzjonijiet ġa eżistenti ta' dawn l-armi u tal-munizzjon tagħhom għal-livelli li huma konsistenti mal-bżonnijiet leġittimi għas-sigurtà tal-pajjiż, u

— tgħin f'li [sabiex] tinstab soluzzjoni għall-problemi kawżati minn dawn l-akkumulazzjonijiet."

10 It-Titolu I tal-azzjoni konġunta inkwistjoni, intitolat "Prinċipji fuq aspetti preventivi u reattivi" jistabbilixxi l-programm ta' azzjoni li fuqu l-Unjoni Ewropea ser timxi sabiex jinħoloq konsensus fil-fora reġjonali u internazzjonali rilevanti. Għal dan il-għan, huwa jelenka l-prinċipji u l-miżuri li għandhom jiġu mwettqa sabiex tiġi evitata iżjed akkumulazzjoni destabilizzanti ta' armi żgħar (Artikolu 3) u sabiex jitnaqqsu l-akkumulazzjonijiet diġà eżistenti ta' armi żgħar u l-munizzjon tagħhom (Artikolu 4).

11 Fost il-prinċipji u l-miżuri li għandhom jiġu mwettqa sabiex tiġi evitata iżjed akkumulazzjoni destabilizzanti ta' armi żgħar, l-Artikolu 3 tal-azzjoni konġunta inkwistjoni jsemmi l-impenji tal-pajjiżi kollha kkonċernati fir-rigward tal-produzzjoni, tal-esportazzjoni, tal-importazzjoni u taż-żamma tal-imsemmija armi, kif ukoll il-ħolqien u ż-żamma ta' inventarji nazzjonali ta' armi u l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali restrittiva.

12 Fost il-prinċipji u l-miżuri li għandhom jiġu mwettqa sabiex jitnaqqsu l-akkumulazzjonijiet diġà eżistenti ta' armi żgħar u l-munizzjon tagħhom, l-Artikolu 4 tal-azzjoni konġunta inkwistjoni jsemmi, b'mod partikolari, l-għoti ta' għajnuna xierqa lill-pajjiżi li jitolbu għajnuna sabiex jikkontrollaw jew jeħilsu mill-armi żgħar u l-munizzjon żejda fit-territorju tagħhom, u l-promozzjoni ta' miżuri li jippromwovu l-fiduċja u inċentivi sabiex jinkoraġġixxu r-rilaxx volontarju ta' armi żgħar u munizzjon żejda jew miżmuma illegalment.

13 It-Titolu II tal-azzjoni konġunta inkwistjoni, intitolat "Kontribuzzjoni ta' l-Unjoni għall-azzjonijiet speċifiċi", jipprovdi, b'mod partikolari, għal assistenza finanzjarja u teknika għal programmi u għal proġetti li jikkontribwixxu b'mod dirett għall-applikazzjoni tal-prinċipji u l-miżuri msemmija fit-Titolu I ta' din l-azzjoni konġunta.

14 Skont l-Artikolu 6(2) tal-imsemmija azzjoni konġunta:

"Waqt li tingħata din l-assistenza, l-Unjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari [lil]l-impenn li l-partijiet konċernati qed jagħtu sabiex jsiru konformi mal-prinċipji kkontemplati fl-Artikolu 3 [ta' din l-azzjoni konġunta], il-ħarsien tad-drittijiet

fondamentali tal-bniedem, il-konfomità mal-ligi umanitarja internazzjonali u l-protezzjoni li tingħata lir-regola tal-liġi [l-Istat tad-dritt] u l-konformità ma' impenni oħra internazzjonali, b'mod partikolari xi trattati ta' paċi u ftehim internazzjonali fuq kontroll ta' armi."

15 Skont l-Artikolu 7(1) tal-azzjoni konġunta inkwistjoni, il-Kunsill għandu jieħu deċizjoni dwar l-allokazzjoni tal-assistenza finanzjarja u teknika msemmija fl-Artikolu 6 ta' din l-azzjoni konġunta, dwar il-prijoritajiet li bihom għandhom jintużaw dawn il-fondi u dwar il-kundizzjonijiet għall-implementazzjoni ta' azzjoni speċifika tal-Unjoni. L-Artikolu 7(2) jipprovdi li "[i]l-Kunsill għandu jiddeċiedi il-prinċipji, l-arranġamenti u l-iffinanzjar ta' dawn il-proġetti fuq bażi ta' proposti konkreti u meqjusa finanzjarjament u wkoll fuq bażi ta' kull każ separatament mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kontribuzzjoni bilaterali bejn l-Istati Membri u l-operat tal-Komunità".

16 L-Artikolu 8 tal-azzjoni konġunta inkwistjoni jipprovdi:

"Il-Kunsill jinnota illi l-Kummissjoni ser tmexxi l-azzjoni tagħha sabiex tilħaq l-għanijiet u l-prijoritajiet ta' din l-Azzjoni Konġunta billi, fejn xieraq, tieħu l-miżuri pertinenti li jolqtu l-Komunità [il-miżuri Komunitarji rilevanti]."

17 L-Artikolu 9(1) tal-azzjoni konġunta inkwistjoni jgħid:

"Il-Kunsill flimkien mal-Kummissjoni ser ikun[u] responsabbli milli jaraw li l-azzjonijiet li l-Unjoni ser tieħu fil-qasam ta' l-armi żgħar ikunu konsistenti, b'mod partikolari [f'dak li jirrigwarda] l-politiki ta' żvilupp. Għal dan il-għan l-Istati Membri

flimkien mal-Kummissjoni għandhom jgħaddu kwalunkwe informazzjoni relevanti lill-korpi tal-Kunsill relevanti. Il-Kunsill flimkien mal-Kummissjoni għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet rispettivi tagħhom, skond il-poteri li kull wieħed għandu."

*Id-deċiżjoni kkontestata*

18 Fit-2 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill adotta d-deċiżjoni kkontestata, li timplementa l-azzjoni konġunta inkwistjoni bil-ħsieb ta' kontribut tal-Unjoni għall-ECOWAS fil-qafas tal-Moratorju fuq l-armi żgħar u ta' kalibru żgħir. Bħala bażi ġuridika, id-deċiżjoni kkontestata ssemmi l-azzjoni konġunta inkwistjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha, kif ukoll l-Artikolu 23(2) UE.

19 Id-deċiżjoni kkontestata tiddikjara dawn il-premessi:

"(1) L-akkumulazzjoni u t-tixrid eċċessiv u mhux kontrollat ta' armamenti ħfief [armi żgħar] u ta' kalibru żgħir huma theddida għall-paċi u s-sigurtà u jnaqqsu l-prospetti għal żvilupp sostenibbli; dan hu partikolarment il-każ fl-Afrika tal-Punent.

(2) Fit-twettiq tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tal-Azzjoni Konġunta [in kwistjoni], l-Unjoni Ewropea tikkunsidra topera fil-fora internazzjonali rilevanti sabiex tippromwovi miżuri biex tinħoloq il-fiduċja. F'dan is-sens, din id-Deċiżjoni hija intiża biex timplimenta l-imsemmija Azzjoni Konġunta.

(3) L-Unjoni Ewropea tikkunsidra li kontribut finanzjarju u assistenza teknika jgħinu sabiex tiġi konsolidata l-inizjattiva tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS) dwar armamenti ħfief [armi żgħar] u ta' kalibru żgħir.

(4) L-Unjoni Ewropea għaldaqstant bi ħsiebha toffri appoġġ finanzjarju u assistenza teknika lill-ECOWAS skont it-Titolu II tal-azzjoni konġunta [in kwistjoni]."

20 Skont l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għat-twettiq ta' proġetti fil-qafas tal-Moratorju tal-ECOWAS dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-fabbrikazzjoni ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir. Għal dan il-għan, hija għandha toffri kontribuzzjoni finanzjarja u assistenza teknika biex tiġi stabbilita l-Unità Armamenti Ħfief [Armi Żgħar] fi ħdan is-Segretarjat Tekniku tal-ECOWAS u biex dan il-Moratorju jiġi kkonvertit f'Konvenzjoni dwar armamenti ħfief [armi żgħar] u ta' kalibru żgħir bejn l-Istati Membri tal-ECOWAS.

21 L-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata jgħid:

"Il-Kummissjoni għandha tiġi nkarigata bl-implimentazzjoni finanzjarja ta' din id-Deċiżjoni. Għal dak il-għan, din għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament ma' l-ECOWAS dwar il-kondizzjonijiet għall-użu tal-kontribut tal-Unjoni Ewropea, li għandu jkun f'forma ta' għotja mhux rimborsabbli. Fost affarijiet oħrajn, din l-għotja għandha tkopri, tul perijodu ta' 12-il xahar, salarji, spejjeż tal-ivvjaġġar, fornimenti u tagħmir meħtieġ biex tiġi stabbilita l-Unità Armamenti Ħfief [Unità Armi Żgħar] fi ħdan is-Segretarjat Tekniku tal-ECOWAS u biex il-Moratorju jiġi konvertit f'Konvenzjoni dwar armamenti ħfief [armi żgħar] bejn l-Istati Membri tal-ECOWAS. [...]"

22 L-Artikolu 4(2) tad-deċiżjoni kkontestata jipprovdi:

"Il-Presidenza u l-Kummissjoni għandhom jippreżentaw lill-korpi tal-Kunsill rilevanti rapporti regolari dwar il-konsistenza tal-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-armamenti ħfief [armi żgħar] u ta' kalibru żgħir, b'mod partikolari fir-rigward tal-linji politiċi tagħha fuq l-iżvilupp, skont l-Artikolu 9(1) tal-Azzjoni Konġunta [in kwistjoni]. B'mod iżjed partikolari, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-aspetti msemmija fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 3. Din l-informazzjoni għandha tkun ibbażata, fost affarijiet oħrajn, fuq rapporti regolari li għandhom jiġu mogħtija mill-ECOWAS taħt ir-relazzjoni kontrattwali tagħha mal-Kummissjoni."

23 Matul id-diskussjonijiet dwar l-abbozz li rriżulta fid-deċiżjoni kkontestata fi ħdan il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fl-24 ta' Novembru 2004, il-Kummissjoni inkludiet id-dikjarazzjoni li ġejja fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill (dok. Nru 15236/04 PBSK 1039, tal-25 ta' Novembru 2004):

"Il-Kummissjoni hija tal-fehma li din l-Azzjoni Konġunta ma kellhiex tiġi adottata u li l-proġett kellu jiġi ffinanzjat mid-disa' [Fond Ewropew għall-Iżvilupp (iktar 'il quddiem l-'EDF')] taħt il-Ftehim ta' Cotonou. Din l-opinjoni hija kkonfermata b'mod ċar mill-Artikolu 11(3) tal-Ftehim ta' Cotonou li jsemmi espressament fost l-attivitajiet rilevanti l-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni ta' armi ta' kalibru żgħir u ta' armi żgħar. Barra minn hekk, jirriżulta mill-kummentarji dwar il-linja tal-baġit [tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni (iktar 'il quddiem il-'PBSK')] korrispondenti (19 03 02) tal-baġit tal-2004 li l-finanzjament ta' tali proġetti taħt il-PBSK huwa eskluż jekk dawn ikunu diġà koperti mill-Ftehim ta' Cotonou.

L-Azzjoni Konġunta ffinanzjata taħt il-PBSK setgħet tibbenefika mid-disa' EDF u kienet tkun perfettament koerenti mal-programm indikattiv reġjonali tal-ECOWAS. Fil-fatt, il-Kummissjoni qed tħejji proposta ta' finanzjament fl-ammont indikattiv ta' EUR 1,5 miljun intiż biex isostni l-implementazzjoni tal-Moratorju tal-ECOWAS dwar l-armi żgħar u ta' kalibru żgħir.

Finalment, l-Azzjoni Konġunta taqa' taħt il-kompetenza kondiviża li fuqha huma bbażati l-politika Komunitarja tal-iżvilupp u l-Ftehim ta' Cotonou. L-Artikolu 47 [UE] japplika kemm għall-oqsma ta' kompetenza kondiviża kif ukoll għall-oqsma ta' kompetenza esklużiva, għaliex inkella jiġi mċaħħad minn parti kbira mill-utilità tiegħu. Il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet tagħha f'dan ir-rigward." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

24 Billi qieset li d-deċiżjoni kkontestata ma kinitx adottata fuq il-bażi legali adegwata, bi ksur tal-Artikolu 47 UE, il-Kummissjoni ressqet dan ir-rikors.

**It-talbiet tal-partijiet**

25 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tiddikjara illegali, u għaldaqstant inapplikabbli, l-azzjoni konġunta inkwistjoni, b'mod partikolari t-Titolu II tagħha.

26 Il-Kunsill jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata bħala infondata;

— tiċħad it-talba tal-Kummissjoni għal dikjarazzjoni ta' inapplikabbiltà tal-azzjoni konġunta inkwistjoni bħala inammissibbli u, sussidjarjament, bħala infondata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

27 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Settembru 2005, ġie aċċettat l-intervent tal-Parlament Ewropew insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

28 B'digriet tal-istess jum, ġie aċċettat l-intervent tar-Renju ta' Spanja, tar-Repubblika Franċiża, tar-Renju tal-Olanda, tar-Renju tal-Iżvezja u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq insostenn tat-talbiet tal-Kunsill. B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2005, ġie aċċettat l-intervent tar-Renju tad-Danimarka insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

**Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġusitzzja**

29 Permezz tar-rikors għal annullament preżenti, imressaq taħt l-Artikolu 230 KE, il-Kummissjoni qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-Kunsill, meta adotta d-deċiżjoni kkontestata, daħal fuq il-kompetenzi mogħtija lill-Komunità u, minħabba dan, kiser l-Artikolu 47 UE. Safejn id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq l-azzjoni konġunta inkwistjoni, il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 241 KE biex tinvoka l-inapplikabbiltà ta' din l-azzjoni konġunta, b'mod partikolari tat-Titolu II tagħha, minħabba l-istess ksur tal-Artikolu 47 UE.

30 Mingħajr madankollu ma jikkontesta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi dwar ir-rikors, il-Kunsill, sostnut mill-Gvern Spanjol u l-Gvern tar-Renju Unit, jinnota, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni bbażata fuq l-illegalità tal-azzjoni konġunta inkwistjoni, li l-Qorti tal-Ġustizzja m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi fuq l-illegalità ta' att li jaqa' taħt il-PBSK.

31 F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 46(f) UE jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u dwar l-eżerċizzju ta' din il-ġurisdizzjoni japplikaw għall-Artikolu 47 UE.

32 Skont l-Artikolu 47 UE, ebda dispożizzjoni tat-Trattat KE ma għandha tiġi affettwata minn dispożizzjoni tat-Trattat UE (sentenzi tat-13 ta' Settembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-176/03, Ġabra p. I-7879, punt 38, u tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-440/05, Ġabra p. I-9097, punt 52).

33 Hija għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiżgura li l-atti li, skont il-Kunsill, jaqgħu taħt it-Titolu V tat-Trattat KE u li, minħabba n-natura tagħhom, jistgħu jipproduċu effetti legali, ma jidħlux fil-kompetenzi li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE jagħtu lill-Komunità (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Mejju 1998, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-170/96, Ġabra p. I-2763, punt 16; tat-13 ta' Settembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39, u tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 53).

34 Minn dan jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni biex teżamina r-rikors għal annullament imressaq mill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 230 KE, u f'dan il-kuntest, biex teżamina l-motivi invokati skont l-Artikolu 241 KE safejn dawn huma bbażati fuq ksur tal-Artikolu 47 UE.

## Fuq ir-rikors

### *L-argumenti tal-partijiet*

35 Il-Kummissjoni, sostnuta mill-Parlament, issostni li d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata minħabba li din tidħol fuq il-kompetenzi mogħtija lill-Komunità fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u għalhekk tikser l-Artikolu 47 UE.

36 Il-Kummissjoni u l-Parlament iqisu li l-Artikolu 47 UE jistabbilixxi fruntiera "fissa" bejn il-kompetenzi tal-Komunità u dawk tal-Unjoni. Għalkemm, f'qasam ta' kompetenzi kondiviżi, bħal dak tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-Istati Membri jibqgħu kompetenti biex jaġixxu waħedhom, individwalment jew kollettivament, sakemm il-Komunità tkun għadha ma eżerċitatx il-kompetenza tagħha, dan ma japplikax għall-Unjoni, li, skont l-Artikolu 47 UE, m'għandhiex kompetenza

kumplimentarja bħal din iżda għandha tirrispetta l-kompetenzi, kemm jekk esklużivi u kemm jekk le, tal-Komunità, anki jekk dawn il-kompetenzi ma jkunux ġew eżerċitati. Għaldaqstant, ikun hemm indħil fuq il-kompetenzi tal-Komunità jekk il-Kunsill jadotta, fil-kuntest tal-PBSK, att li seta' jiġi adottat b'mod validu fuq il-bażi tat-Trattat KE.

37 Skont il-Kummissjoni u l-Parlament, il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir, inkwantu din saret parti integrali mill-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, taqa' taħt il-kompetenzi mogħtija f'dan il-qasam lill-Komunità. Fil-fatt, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiż tista' tkun effettiva biss jekk ikun hemm minimu ta' stabbiltà u ta' leġittimità demokratika. Billi taqa' f'din il-perspettiva ta' stabbiltà, il-politika ta' tneħħija ta' mini u ta' żmantellament ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir tikkostitwixxi mezz indispensabbli biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp.

38 Il-Kummissjoni ssostni li l-integrazzjoni tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir fil-politika Komunitarja ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ġiet stabbilita fil-qafas tal-Ftehim ta' Cotonou, b'mod partikolari fl-Artikolu 11(3) tiegħu.

39 Barra minn hekk, ir-rabta bejn il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-akkumulazzjoni destabilizzanti ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir hija rikonoxxuta mill-Kunsill innifsu kif ukoll mill-komunità internazzjonali.

40 Skont il-Kummissjoni, sostnuta mill-Parlament, id-deċiżjoni kkontestata taqa', minħabba l-għan u l-kontenut tagħha, taħt il-kompetenzi Komunitarji u, għaldaqstant, setgħet ġiet validament adottata fuq il-bażi tat-Trattat KE. Fil-fatt, minn naħa, l-għan tad-deċiżjoni kkontestata mhuwiex biss il-promozzjoni tal-paċi u tas-sigurtà iżda wkoll it-titjib tal-prospetti għal żvilupp sostenibbli fl-Afrika tal-Punent. Min-naħa

l-oħra, il-proġett sabiex tissaħħaħ l-Unità Armi Żgħar fi ħdan is-Segretarjat Tekniku tal-ECOWAS u l-proġett ta' ingaġġ ta' espert sabiex jiġi mfassal abbozz ta' konvenzjoni fuq l-armi żgħar, kif previst fl-anness tad-deċiżjoni kkontestata, jikkostitiwxxu assitenza ta' tip klassika fil-kuntest tal-programmi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, li ma teħtieġx attivitajiet speċifiċi li jaqgħu taħt il-PBSK.

41 Safejn id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq l-azzjoni konġunta inkwistjoni, il-Kummissjoni, sostnuta mill-Parlament, titlob li din tal-aħħar, u b'mod partikolari t-Titolu II tagħha, tiġi ddikjarata bħala illegali minħabba li tidħol fuq il-kompetenzi tal-Komunità. Fil-fatt, għalkemm ċerti aspetti tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir jistgħu jaqgħu taħt il-PBSK, b'mod partikolari l-azzjonijiet tal-pulizija jew militarji intiżi biex jiġbru l-imsemmija armi jew biex ifasslu programmi ta' qerda, dan ma jkunx il-każ meta jkunu involuti miżuri ta' assistenza finanzjarja u teknika previsti fl-imsemmi Titolu II, li jaqgħu taħt il-kompetenzi Komunitarji fil-qasam ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u ta' kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi.

42 Il-Kunsill, sostnut mill-Gvernijiet tal-Istati Membri intervenjenti kollha, isostni li ma jista' jiġi invokat ebda ksur tal-Artikolu 47 UE peress li huwa tal-fehma li l-ġlieda kontra l-armi żgħar u ta' kalibru żgħir ma taqax taħt il-kompetenzi mogħtija lill-Komunità fir-rigward tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, u lanqas taħt il-kompetenzi l-oħra tal-Komunità.

43 Qabel kollox, fir-rigward tal-Artikolu 47 UE, il-Kunsill isostni li din id-dispożizzjoni tfittex li tippreżerva l-bilanċ tal-poteri stabbilit mit-Trattati u ma tistax tiġi interpretata fis-sens li hija tfittex li tipproteġi l-kompetenzi mogħtija lill-Komunità għad-detriment ta' dawk mogħtija lill-Unjoni. B'mod kuntrarju għal dak li ssostni l-Kummissjoni, l-Artikolu 47 UE ma jistabbilixxix fruntiera fissa bejn il-kompetenzi tal-Komunità u dawk tal-Unjoni. Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-azzjoni tal-Unjoni

taffettwax il-kompetenzi tal-Komunità, għandha tiġi kkunsidrata n-natura tal-kompetenzi mogħtija lill-Komunità fil-qasam ikkonċernat, b'mod partikolari tan-natura kumplimentarja tal-kompetenza Komunitarja fir-rigward tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

44 Skont il-Gvern tar-Renju Unit, sabiex att ibbażat fuq it-Trattat UE jkun jista' jiġi kkunsidrat bħala kuntrarju għall-Artikolu 47 UE, jeħtieġ li, fl-ewwel lok, il-Komunità jkollha l-kompetenza tadotta att li għandu l-istess għan u l-istess kontenut. Fit-tieni lok, huwa meħtieġ li l-att ibbażat fuq it-Trattat UE jidħol fuq kompetenza mogħtija lill-Komunità billi jimpedixxi jew jillimita l-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, b'tali mod li jwassal għal effett ta' prelazzjoni tal-kompetenzi Komunitarji. Tali effett ta' prelazzjoni huwa eskluż f'qasam, bħal dak tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, fejn il-Komunità għandha kompetenzi paralleli.

45 Il-Kunsill, sostnut f'dan ir-rigward mill-Gvernijiet tal-Istati Membri intervenjenti kollha, isostni wkoll li l-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid destabilizzanti ta' armi ħfief u armi ta' kalibru żgħir ma taqax taħt il-kompetenzi attribwiti lill-Komunità.

46 La l-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' dawn l-armi u lanqas l-għanijiet iktar ġenerali li tiġi pprezervata l-paċi u li tissaħħaħ is-sigurtà m'huma inklużi fost l-għanijiet tal-Komunità ċċitati fl-Artikoli 2 KE u 3 KE. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 177(1) KE, l-għan prinċipali tal-politika Komunitarja ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp huwa li jitnaqqas il-faqar. Fil-fatt, l-għanijiet li tiġi pprezervata l-paċi u li tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali jaqgħu esklużivament taħt it-Trattat UE, b'mod partikolari taħt il-PBSK. Issa, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE ma jistgħux jiġu interpretati b'mod wiesgħa li jimmina l-koeżistenza tal-Unjoni u tal-Komunità bħala sistemi ġuridiċi integrati iżda distinti kif ukoll l-arkitettura kostituzzjonali tat-totalità kkostitwita mit-tliet "pilastri".

47 Il-Kunsill, sostnut mill-Gvernijiet ta' Franza, tal-Olanda u tar-Renju Unit, jikkunsidra li l-fatt li l-proliferazzjoni ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir jista' jkollha effett inċidentali fuq il-prospetti għal żvilupp sostenibbli ma jimplikax li dan il-qasam kollu jaqa' taħt il-kompetenzi Komunitarji.

48 Il-Kunsill u l-Gvern tar-Renju Unit jenfasizzaw barra minn hekk li, jekk wieħed isegwi l-argument tal-Kummissjoni, il-PBSK tiġi mċaħħda minn kull effett utli. Dan il-gvern iżid li, jekk ikun biżżejjed li azzjoni jkollha effett inċidentali fuq l-għanijiet intiżi minn kompetenza Komunitarja sabiex taqa' taħt din il-kompetenza, ma jkunx hemm iktar limiti għall-portata tal-kompetenzi Komunitarji, li jkun kuntrarju għall-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi. Il-Gvern Olandiż, min-naħa tiegħu, ma jikkunsidrax li tkun ħaġa pożittiva jekk jiġi ristrett ir-rwol tal-PBSK f'dak li jirrigwarda ż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, peress li tali politika tippermetti lill-Kunsill jaġixxi b'mod mgħaġġel u effikaċji f'tali pajjiżi.

49 Il-Kunsill, sostnut mill-Gvernijiet ta' Spanja, ta' Franza, tal-Iżvezja u tar-Renju Unit, jenfasizza li, meta wieħed iqis in-natura "mħallta" tal-Ftehim ta' Cotonou, l-eżistenza ta' kompetenza Komunitarja fir-rigward tal-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid destabilizzanti ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir lanqas ma tista' tiġi dedotta mill-imsemmi ftehim.

50 Kemm il-Kunsill, kif ukoll il-Gvernijiet tal-Istati Membri intervenjenti kollha, iqisu, barra minn hekk, li l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata saret b'osservanza tad-dispożizzjonijiet u tal-ispirtu tat-Trattat UE. Fil-fatt, peress li d-deċiżjoni kkontestata għandha bħala għan prinċipali l-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir, hija ma taqax taħt il-kompetenzi Komunitarji, iżda taħt il-kompetenzi tal-Unjoni fil-kuntest tal-PBSK.

51 Fil-fatt, minn naħa, il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir tissodisfa l-għan fundamentali tal-PBSK, jiġifieri li tiġi ppreżervata l-paċi u li tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali, stabbilit fl-Artikolu 11 UE. Il-Gvern Żvediż iżid li, fir-rigward tal-ġlieda kontra t-tixrid ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir fl-Afrika tal-Punent, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta xi riżoluzzjonijiet fejn stieden lill-komunità internazzjonali tad-donaturi sabiex jimplimentaw il-Mortatorju tal-ECOWAS dwar dawn l-armi u jsostnu s-Segretarjat Tekniku tiegħu.

52 Min-naħa l-oħra, il-Kunsill u l-Gvernijiet tal-Istati Membri intervenjenti jsostnu li, safejn azzjoni taqa' taħt il-PBSK, l-Artikolu 47 UE ma jipprekludix li l-Unjoni tuża l-istess metodi bħal dawk użati mill-Komunità fil-qafas tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Fil-fatt, sabiex tilħaq l-għanijiet assenjati lilha fil-kuntest tal-PBSK, l-Unjoni tiddisponi minn strumenti li mhumiex limitati għal miżuri diplomatiċi jew militari, iżda jinkludu wkoll azzjonijiet operattivi, fosthom l-għajnuna finanzjarja jew teknika, li jkunu neċessarji għat-twettiq tal-għanijiet imsemmija.

53 Il-Kunsill u l-Gvern Franċiż jenfasizzaw ukoll li l-azzjoni konġunta inkwistjoni ġiet implementata permezz ta' serje ta' deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-PBSK, li l-legalità tagħhom ma ġietx ikkontestata mill-Kummissjoni, jiġifieri d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/842/PESK [PBSK], tal-21 ta' Ottubru 2002, dwar l-implementazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 2002/589 bl-għan li l-Unjoni Ewropea tagħti l-kontribut tagħha biex tikkumbatti l-akkumulazzjoni destabilizzanti u t-tixrid ta' armi ħfief u żgħar [armi żgħar u ta' kalibru żgħir] fix-Xlokk tal-Ewropa (ĠU L 289, p. 1), id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/543/PESK [PBSK], tal-21 ta' Lulju 2003, dwar l-implementazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 2002/589 bil-għan ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni destabilizzanti u t-tixrid ta' armi żgħar u armi ħfief [u ta' kalibru żgħir] fl-Amerika Latina u l-Karibew (ĠU L 185, p. 59), id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/790/PESK [PBSK], tat-22 ta' Novembru 2004, li testendi u temenda d-Deċiżjoni 2003/276/PESK [PBSK] li timplementa l-Azzjoni Konġunta 2002/589 [PBSK] bil-ħsieb ta' kontribut tal-Unjoni Ewropea għad-distruzzjoni ta' munizzjon għal armi żgħar u armamenti ħfief [ta' kalibru żgħir] fl-Albanija (ĠU L 348, p. 45), id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/791/PESK [PBSK], tat-22 ta' Novembru 2004, li testendi u temenda d-Deċiżjoni 2002/842/PESK [PBSK] li timplementa l-Azzjoni Konġunta 2002/589 bil-ħsieb ta' kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumu-

lazzjoni u t-tixrid destabbilizzanti ta' armi żgħar u armamenti ħfief [ta' kalibru żgħir] fl-Ewropa tax-Xlokk (ĠU L 348, p. 46), id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/792/PESK [PBSK], tat-22 ta' Novembru 2004, li testendi u temenda d-Deċiżjoni 1999/730/PESK [PBSK] li timplementa l-Azzjoni Konġunta 1999/34 bil-ħsieb ta' kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid destabbilizzanti ta' armi żgħar u armamenti ħfief [ta' kalibru żgħir] fil-Kambodja (ĠU L 348, p. 47) kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/852/PESK [PBSK], tad-29 ta' Novembru 2005, għad-distruzzjoni ta' armi żgħar (SALW) u tal-munizzjon tagħhom fl-Ukrajna (ĠU L 315, p. 27).

54 Fl-aħħar, skont il-Kunsill, sostnut mill-Gvernijiet ta' Spanja u tar-Renju Unit, l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma kontra l-azzjoni konġunta inkwistjoni hija inammissibbli inkwantu rikorrent privileġġat, bħalma hija l-Kummissjoni, ma jistax jeċċepixxi l-illegalità ta' att li huwa seta' jitlob direttament l-annullament tiegħu permezz ta' rikors skont l-Artikolu 230 KE

55 Billi jirriferu għall-argumenti relattivi għad-deċiżjoni kkontestata, il-Kunsill u l-Gvernijiet tal-Olanda, tal-Iżvezja u tar-Renju Unit isostnu li, f'kull każ, l-azzjoni konġunta inkwistjoni ġiet adottata b'rispett sħiħ għall-Artikolu 47 UE.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 47 UE

56 Mill-punti 31 sa 33 ta' din is-sentenza jirriżulta li, skont l-Artikolu 47 UE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiżgura li l-atti li, skont il-Kunsill, jaqgħu taħt it-Titolu

V tat-Trattat UE, u li jistgħu jipproduċu effetti legali ma jidħlux fuq il-poteri li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE jagħtu lill-Komunità.

57 Skont il-Kummissjoni, id-deċiżjoni kkontestata ma tirrispettax it-tqassim tal-kompetenzi stabbilit fl-Artikolu 47 UE bejn il-Komunità u l-Unjoni, safejn din setgħet ġiet adottata fuq il-bażi tal-kompetenzi attribwiti lill-Komunità fir-rigward tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Dan huwa minnu wkoll għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tal-azzjoni konġunta inkwistjoni, li d-deċiżjoni kkontestata tikkostitwixxi l-implementazzjoni tagħha, li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Komunità fir-rigward tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp jew taħt dawk relattivi għall-kooperazzjoni ekonomika finanzjarja u teknika mal-pajjiżi terzi.

58 Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk id-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni kkontestata jaffettwawx il-kompetenzi li għandha l-Komunità taħt it-Trattat KE safejn setgħu, kif issostni l-Kummissjoni, jiġu adottati fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Trattat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitata iktar 'il fuq, tat-13 ta' Settembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, punt 40, u tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, punt 54).

59 Fil-fatt, billi jipprovdi li ebda dispożizzjoni tat-Trattat UE ma taffettwa t-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u lanqas it-trattati u l-atti sussegwenti li jimmodifikawhom jew jissupplimentawhom, l-Artikolu 47 UE huwa intiż, skont il-ħames inċiż tal-Artikolu 2 UE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 UE, sabiex jirrispetta u jibni fuq l-*acquis communautaire*.

60 B'mod kuntrarju għal dak li jsostni l-Gvern tar-Renju Unit, att li jipproduċi l-effetti legali adottat fil-kuntest tat-Titolu V tat-Trattat UE jaffettwa d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE fis-sens tal-Artikolu 47 UE jekk seta' jiġi adottat fuq il-bażi ta' dan l-imsemmi trattat, mingħajr ma jkun hemm il-bżonn li jiġi eżaminat jekk dan

l-att jostakolax jew jillimitax l-eżerċizzju mill-Komunità tal-kompetenzi tagħha. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, jekk jinstab li d-dispożizzjonijiet ta' att adottat fil-kuntest tat-Titoli V jew VI tat-Trattat UE, minħabba l-għan, kif ukoll minħabba l-kontenut tagħhom, għandhom bħala għan prinċipali l-implementazzjoni ta' politika attribwita lill-Komunità mit-Trattat KE u għaldaqstant setgħu ġew adottati fuq il-bażi ta' dan l-aħħar trattat, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-imsemmija dispożizzjonijiet ġew adottati bi ksur tal-Artikolu 47 UE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq tat-13 ta' Settembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, punti 51 u 53, u kif ukoll tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, punti 69 sa 74).

61 Peress li ksur tal-Artikolu 47 UE jirriżulta mill-fatt li att li jipproduċi effetti legali adottat mill-Unjoni fuq il-bażi tat-Trattat UE seta' ġie adottat mill-Kummissjoni, lanqas ma huwa rilevanti li jsir magħruf, fir-rigward ta' qasam bħalma huwa l-kooperazzjoni għall-iżvilupp li ma jaqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità, u li fih, għaldaqstant, l-Istati Membri mhumiex ostakolati milli jeżerċitaw, kollettivament jew individwalment, il-kompetenzi tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Ġunju 1993, Il-Parlament vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-181/91 u C-248/91, Ġabra p. I-3685, punt 16, u tat-2 ta' Marzu 1994, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-316/91, Ġabra p. I-625, punt 26), jekk tali att setax ġie adottat mill-Istati Membri fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom.

62 Barra minn hekk, il-kwistjoni jekk id-dispożizzjonijiet ta' tali att adottat mill-Unjoni jaqax taħt il-kompetenza tal-Komunità tikkonċerna l-attribuzzjoni u, għalhekk, l-istess eżistenza ta' din il-kompetenza, u mhux in-natura esklużiva jew diviża tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-459/03, Ġabra p. I-4635, punt 93).

63 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk id-deċiżjoni kkontestata tiksirx l-Artikolu 47 UE safejn setgħet ġiet adottata fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE.

Fuq id-delimitazzjoni tal-oqsma rispettivi tal-politika Komunitarja ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-PBSK

64 Fir-rigward tal-politika Komunitarja ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 130 U tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 177 KE) huma wesgħin fis-sens li l-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu għandhom ikunu jistgħu jikkonċernaw diversi materji speċifiċi (sentenza tat-3 ta' Diċembru 1996, Il-Portugall vs Il-Kunsill, C-268/94, Ġabra p. I-6177, punt 37).

65 Fil-fatt, l-Artikoli 177 KE sa 181 KE, li jirreferu għall-kooperazzjoni mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, ma jikkonċernawx biss l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli ta' dawn il-pajjiżi, l-inklużjoni armonjuża u progressiva tagħhom fl-ekonomija globali kif ukoll il-ġlieda kontra l-faqar, iżda anki l-iżvilupp u t-tisħiħ tad-demokrazija u tal-Istat tad-dritt kif ukoll ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, dejjem b'rispett għall-impenji meħuda fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra (sentenza tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Parlament vs Il-Kummissjoni, C-403/05, Ġabra p. I-9045, punt 56).

66 Barra minn hekk, mid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqa' fi ħdan il-Kunsill, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni fuq il-politika ta' żvilupp tal-Unjoni Ewropea intitolata "Il-konsensus Ewropew [għall-iżvilupp]" (ĠU 2006, C 46, p. 1) jirriżulta li ma jistax ikun hemm żvilupp sostenibbli u tneħħija tal-faqar mingħajr paċi u sigurtà u li sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika l-ġdida għall-iżvilupp tal-Komunità huwa essenzjalment meħtieġ li jiġu promossi d-demokrazija u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. (sentenza Il-Parlament vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 57).

67 Għaldaqstant, għalkemm l-għanijiet tal-politika Komunitarja ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp attwali m'għandhomx jiġu limitati għall-miżuri li jikkonċernaw direttament il-ġlieda kontra l-faqar, sabiex miżura taqa' taħt din il-politika huwa madankollu meħtieġ li tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp ekonomiku u soċjali tal-imsemmija politika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punti 44, 60, 63 u 73).

68 F'dan ir-rigward, minn diversi dokumenti maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, kif ukoll mill-Kunsill Ewropew, jirriżulta li ċerti miżuri intiżi biex jipprevjenu l-fraġilità tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, inklużi dawk adottati fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir, jistgħu jikkontribwixxu għall-eliminazzjoni jew għat-tnaqqis tal-ostakoli għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-imsemmija pajjiżi.

69 B'hekk, fil-21 ta' Mejju 1999, il-Kunsill għall-"Iżvilupp" tal-Unjoni Ewropea adotta riżoluzzjoni dwar l-armi żgħar fejn ippreżenta l-proliferazzjoni ta' dawn l-armi bħala problema ta' dimensjoni mondjali li, b'mod partikolari fil-pajjiżi u fiż-żoni ta' kriżi f'sitwazzjoni mhux stabbli fir-rigward tas-sigurtà, tostakola l-iżvilupp ekonomiku u soċjali paċifiku. Fi żmien iktar riċenti, fl-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tal-[armi żgħar u ta' kalibru żgħir] u tal-munizzjon tagħhom, li ġiet adottata mill-Kunsill Ewropew, imlaqqa' fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2005 (Dok Nru 5319/06 PBSK 31, tat-13 ta' Jannar 2006), il-Kunsill isemmi, fost il-konsegwenzi tat-tixrid illeċitu tal-armi żgħar u ta' kalibru żgħir, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw l-iżvilupp tal-pajjiżi kkonċernati, id-dgħajfien tal-istrutturi statali, l-ispostament tal-persuni, il-waqgħa tas-servizz tas-saħħa u tal-edukazzjoni, it-tnaqqis tal-attività ekomika, it-tnaqqis tar-riżorsi tal-gvern, it-tixrid tal-pandemijji, il-ħsara lin-nisġa soċjali u, fl-aħħar, it-tnaqqis jew iż-żamma tal-għajnuna għall-iżvilupp, filwaqt li jżid li dawn il-konsegwenzi jikkostitwixxu ostakolu essenzjali għall-iżvilupp tal-Afrika tas-sub-Sahara, li hija affettwata prinċiplament.

70 Bl-istess mod, id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqa' fi ħdan il-Kunsill, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni fuq il-politika ta' żvilupp tal-Unjoni Ewropea, imsemmija fil-punt 66 ta' din is-sentenza, tiċċita, fil-punt 37 tagħha, in-nuqqas ta' sigurtà u l-kunflitti vjolenti fost l-ostakoli l-iktar importanti għat-twettiq tal-għanijiet tal-millennju għall-iżvilupp, approvati fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti, filwaqt li ssemmi, f'dan il-kuntest, il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni bla kontrolli ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir.

71 Madankollu, jibqa' l-fatt li, sabiex miżura konkreta li tirrigwarda l-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir tkun tista' tiġi adottata mill-Komunità fil-kuntest tal-politika tagħha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, din il-miżura għandha taqa', kemm minħabba l-għan kif ukoll minħabba l-kontenut tagħha, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi li t-Trattat KE jattribwilha f'dan il-qasam.

72 Dan ma jkunx il-każ meta tali miżura, anke jekk tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' pajjiż li qiegħed jiżviluppa, ikollha bħala għan prinċipali l-implementazzjoni tal-PBSK.

73 Fil-fatt, jekk l-eżami ta' miżura juri li għandha żewġ għanijiet jew li għandha żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn huwa identifikabbli bħala dak prinċipali, filwaqt li l-ieħor m'huwiex għajr aċċessorju, l-att irid ikun ibbażat fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent prinċipali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Settembru 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-211/01, Ġabra p. I-8913, punt 39; tad-29 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-338/01, Ġabra p. I-4829, punt 55, u tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-94/03, Ġabra p. I-1, punt 35, kif ukoll, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 47 UE, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq tat-13 ta' Settembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, punti 51 sa 53, u tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, punti 71 sa 73).

74 Minn dan isegwi li l-miżuri għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir ma jaqgħux taħt il-kompetenzi attribwiti lill-Komunità fir-rigward tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp meta, minħabba l-għan tagħhom jew il-komponent prinċipali tagħhom, huma jagħmlu parti mill-PBSK.

75 Fir-rigward ta' miżura li ssegwi fl-istess ħin diversi għanijiet jew li jkollha diversi komponenti, mingħajr ma wieħed ikun aċċessorju għall-oħrajn, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta bażijiet legali differenti tat-Trattat KE jkunu applikabbli, tali miżura għandha tkun fondata, b'mod eċċezzjonali, fuq il-bażijiet legali korrispondenti differenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, tal-11 ta' Settembru 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, punt 40, u tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, punt 36).

76 Madankollu, skont l-Artikolu 47 UE, tali soluzzjoni hija eskluża fir-rigward ta' miżura li ssegwi diversi għanijiet jew li jkollha diversi komponenti li jaqgħu, rispettivament, taħt il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif attribwita lill-Komunità mit-Trattat KE, u taħt il-PBSK, mingħajr ma wieħed minnhom ikun aċċessorju fil-konfront tal-oħrajn.

77 Fil-fatt, peress li l-Artikolu 47 UE jipprekludi l-adozzjoni mill-Unjoni, fuq il-bażi tat-Trattat UE, ta' miżura li setgħet ġiet adottata b'mod validu fuq il-bażi tat-Trattat KE, l-Unjoni ma tistax tirrikorri għal bażi legali li taqa' taħt il-PBSK sabiex tadotta dispożizzjonijiet li jaqgħu wkoll taħt kompetenza attribwita mit-Trattat KE lill-Komunità.

78 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi ddeterminat jekk, kif issostni l-Kummissjoni, id-deċiżjoni kkontestata, li timplementa l-azzjoni konġunta inkwistjoni fid-dawl ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-ECOWAS fil-qafas

tal-Moratorju fuq armi żgħar u ta' kalibru żgħir, taqax, kemm fir-rigward tal-għan tagħha u kemm tal-kontenut tagħha, taħt il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp attribwita lill-Komunità mit-Trattat KE.

Fuq l-għan tad-deċiżjoni kkontestata

79 Fir-rigward tal-għan tad-deċiżjoni kkontestata, jirriżulta, kemm mit-titolu tagħha u kif ukoll mill-preambolu tagħha u mill-punti 2 sa 4 tal-motivi tagħha, li, billi tikkontribwixxi b'mod finanzjarju u tekniku għal inizjattiva tal-ECOWAS fil-qasam tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir, din id-deċiżjoni hija intiża sabiex timplementa l-azzjoni konġunta inkwistjoni li l-Kunsill adotta fuq il-bażi tat-Titolu V tat-Trattat UE.

80 Safejn id-deċiżjoni kkontestata tikkostitwixxi l-implementazzjoni ta' att li jaqa' taħt il-PBSK, għandu jiġi eżaminat qabel kollox jekk, minħabba dan il-fatt, din id-deċiżjoni għandhiex tinftiehem bħala intiża sabiex tilħaq l-għanijiet tal-PBSK pjuttost milli dawk tal-politika Komunitarja ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp.

81 F'dan ir-rigward, u mingħajr ma jkun hemm il-bżonn, f'dan l-istadju, li tiġi eżaminata l-eċċezzjoni tal-Kummissjoni bbażata fuq l-allegata illegalità tal-azzjoni konġunta inkwistjoni, għandu jiġi rrilevat li din tal-aħħar hija ppreżentata, fil-premessi tagħha, bħala miżura intiża biex tissostitwixxi l-Azzjoni Konġunta 1999/34, sabiex tinkludi fl-azzjoni konġunta tal-Unjoni, fejn hemm il-bżonn, il-munizzjon intiż għal armi żgħar u ta' kalibru żgħir.

82 Kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tal-azzjoni konġunta inkwistjoni, din tistabilixxi bħala l-għanijiet tagħha l-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid destabilizzanti ta' armi

żgħar u li tgħin sabiex jintemmu, li tikkontribwixxi lejn it-tnaqqis ta' akkumulazzjonijiet diġà eżistenti ta' dawn l-armi u tal-munizzjon tagħhom għal-livelli li huma konsistenti mal-bżonnijiet leġittimi għas-sigurtà tal-pajjiż u li tgħin sabiex tinstab soluzzjoni għall-problemi kkawżati mill-akkumulazzjoni ta' dawn il-provvisti.

83 Dawn l-għanijiet huma implementati, minn naħa, fit-Titolu I tal-azzjoni konġunta inkwistjoni, li jelenka ċerti prinċipji u ċerti miżuri li madwarhom l-Unjoni Ewropea tagħmel sforzi biex tilħaq konsensus sabiex tiġġieled kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid destabilizzanti ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir u, min-naħa l-oħra, fit-Titolu II ta' din l-azzjoni konġunta, li jirrigwarda l-assistenza finanzjarja u teknika mogħtija mill-Unjoni lill-proġetti li jikkontribwixxu għall-applikazzjoni tal-imsemmija prinċipji u miżuri.

84 Issa, mill-azzjoni konġunta inkwistjoni ma jirriżultax li l-implementazzjoni tal-programm tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir għandha neċessarjament tieħu l-forma ta' miżuri li huma intiżi sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-PBSK, bħalma hija l-preżervazzjoni tal-paċi u li tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali, iktar milli sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika Komunitarja ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp.

85 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li l-Azzjoni Konġunta 1999/34, li l-azzjoni konġunta inkwistjoni kienet is-segwitu tagħha u rriproduċiet totalment l-għanijiet tagħha, il-prinċipji stabbiliti fiha kif ukoll it-tip ta' kontribuzzjoni prevista minnha, iddikjarat b'mod ċar, fl-ewwel premessa tagħha, li l-fenomenu tal-akkumulazzjoni u t-tixrid eċċessiv u mhux ikkontrollat ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir huma theddida għall-paċi u s-sigurtà u jnaqqsu l-prospetti għal żvilupp sostenibbli f'ħafna reġjuni tad-dinja, b'tali mod li mill-bidu nett tinkludi l-ġlieda kontra dan il-fenomenu f'perspettiva doppja ta' preżervazzjoni tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali, minn naħa, u ta' salvagwardja tal-prospetti ta' żvilupp, min-naħa l-oħra.

86 It-tieni nett, mid-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tal-azzjoni konġunta inkwistjoni, li, filwaqt li jirriproduċu dawk tal-Azzjoni Konġunta 1999/34, jippreċiżaw it-tip ta' kontribuzzjoni li se tagħti l-Unjoni u t-tqassim tal-inkarigi li għandhom, f'dan il-kuntest, il-Kunsill u l-Kummissjoni, jirriżulta li l-għanijiet u l-programm ta' azzjoni stabbiliti minn din l-azzjoni konġunta jistgħu jiġu implementati mhux biss mill-Unjoni, li taġixxi fil-kuntest tal-PBSK, iżda wkoll mill-Komunità, fuq il-bażi tal-kompetenzi tagħha stess.

87 Fil-fatt, l-Artikolu 7 tal-azzjoni konġunta inkwistjoni jirrileva li l-Kunsill għandu jieħu deċizjoni fuq l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja u teknika msemmija fl-Artikolu 6 ta' din l-azzjoni konġunta, filwaqt li jippreċiża fl-Artikolu 7(2), li huwa "mingħajr preġudizzju [...] [għall-]operat tal-Komunità", li l-Kunsill għandu jiddeċiedi, każ b'każ, dwar il-prinċipji, l-arranġamenti u l-iffinanzjar tal-proġetti li jimplementaw din l-azzjoni konġunta. Il-fatt li l-azzjoni konġunta inkwistjoni tista' tiġi implementata kemm mill-Komunità u kemm mill-Unjoni huwa kkonfermat fl-Artikolu 8 tagħha, fejn il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni tmexxi l-azzjoni tagħha sabiex tilħaq l-għanijiet u l-prijoritajiet ta' din l-azzjoni konġunta, jekk ikun il-każ, permezz ta' miżuri Komunitarji rilevanti, kif ukoll fl-Artikolu 9 ta' din l-azzjoni konġunta, li jħalli lill-Kunsill u lill-Kummissjoni responsabbli sabiex jassiguraw il-konsistenza tal-attivitajiet tal-Unjoni fil-qasam tal-armi ta' kalibru żgħir, "b'mod partikolari [fid-dawl ta]l-politiki ta' żvilupp" u sabiex jimplimentaw l-azzjonijiet rispettivi tagħhom, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Il-bżonn ta' konsistenza bejn l-attivitajiet tal-Unjoni fil-qasam ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir tirriżulta wkoll, barra minn hekk, minn riferiment identiku għal-"linji politiċi [tal-Unjoni] fuq l-iżvilupp", fl-Artikolu 4(2) tad-deċiżjoni kkontestata.

88 Il-konklużjoni li l-għanijiet tal-azzjoni konġunta inkwistjoni jistgħu jiġu implementati kemm mill-Unjoni, fil-kuntest tat-Titolu V tat-Trattat UE, u kemm mill-Komunità, fil-kuntest tal-politika tagħha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, tikkorrispondi, fl-aħħar mill-aħħar, mal-approċċ propost mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u mill-Kunsill Ewropew f'diversi dokumenti.

89 Fl-ewwel lok, il-Kunsill stess, fir-riżoluzzjoni fuq l-armi żgħar, imsemmija fil-punt 69 ta' din is-sentenza, filwaqt li jagħmel riferiment għall-azzjoni meħuda mill-Unjoni fil-kuntest tal-PBSK u filwaqt li jfakkar il-bżonn li tiġi assigurata l-konsistenza tal-attivitajiet tal-Unjoni relattivi għall-armi ta' kalibru żgħir, b'mod partikolari fir-rigward tal-PBSK, jirrakkommonda madankollu, f'dan l-istess dokument, li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-miżuri intiżi biex "jinkludu l-kwistjoni tal-armi ta' kalibru żgħir fid-djalogu politiku mal-Istati ACP u l-imsieħba l-oħra tal-Unjoni fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, [biex] jagħtu appoġġ fil-qafas tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-pajjiżi li jixtiequ jibbenefikaw minn għajnuna bil-għan li jiġu limitati jew eliminati l-armi ta' kalibru żgħir żejda [...], [biex] jipprevedu, jekk ikun il-każ, appoġġ biex jiġu msaħħa l-istituzzjonijiet governattivi u l-leġiżlazzjoni kkonċernata bil-għan li jkun hemm kontroll aħjar tal-armi ta' kalibru żgħir", filwaqt li jżid, fir-rigward ta' dan il-punt tal-aħħar, li "[l]-ewwel interventi jistgħu jiffokaw fuq l-Afrika t'Isfel [...] u l-Afrika tal-Punent (ECOWAS) fejn sar progress sinjifikattiv u fejn ġie żviluppat u adottat qafas għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' kalibru żgħir". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

90 Fit-tieni lok, fl-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tal-[armi żgħar u ta' kalibru żgħir] u tal-munizzjon tagħhom, iċċitata fil-punt 69 ta' din is-sentenza, il-Kunsill Ewropew isemmi, fost il-mezzi li jiddisponu minnhom l-Unjoni, il-Komunità u l-Istati Membri sabiex jirrispondu għat-theddida ta' traffikar illeċitu tal-imsemmija armi, b'mod partikolari, minbarra l-operazzjonijiet ċivili u militarji ta' ġestjoni ta' kriżi u l-għodda diplomatiċi l-oħra, il-ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi kif ukoll il-programmi ta' żvilupp u ta' assistenza li jagħmlu parti mill-kooperazzjoni KE-ACP u jinkludu fergħa ddedikata għall-armi żgħar u ta' kalibru żgħir u għall-munizzjon tagħhom. Wara li jirrileva, fil-punt 15 tiegħu, li, skont il-Kunsill Ewropew, il-kwistjoni għall-Unjoni ta' strateġija fuq l-armi żgħar u ta' kalibru żgħir hija li tinstab soluzzjoni għal din it-theddida u li tiġi assigurata l-konsistenza bejn il-politika ta' sigurtà u ta' żvilupp tagħha, dan id-dokument isemmi, bħala element finali tal-pjan ta' azzjoni stabbilit bħala risposta għall-akkumulazzjoni tal-imsemmija armi, il-fatt li tiġi assigurata "l-konsistenza u l-komplimentarjetà bejn id-deċiżjonijiet tal-Kunsill fil-qafas tal-PESK [PBSK] u l-azzjonijiet implementati mill-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna għall-iżvilupp sabiex jiġi promoss approċċ konsistenti għall-attivitajiet kollha tal-[Unjoni] fil-qasam tal-[armi żgħar u ta' kalibru żgħir]".

91 Fit-tielet lok, fil-punt 37 tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqa' fi ħdan il-Kunsill, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni dwar il-politika għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea, imsemmija fil-punt 66 ta' din is-sentenza, huma elenkati xi miżuri konkreti sabiex tiġi kkontrollata l-proliferazzjoni bla kontroll ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir li sejrin jittieħdu, inkonformità mal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tal-[armi żgħar u ta' kalibru żgħir] u tal-munizzjon tagħhom, mill-"Unjoni Ewropea, fil-kuntest tal-kompetenzi rispettivi tal-Komunità u tal-Istati Membri".

92 B'hekk, peress li l-att li jaqa' taħt il-PBSK li d-deċiżjoni kkontestata hija intiża biex timplementa ma jeskludix li l-għanijiet tiegħu jistgħu jintlaħqu minn miżuri adottati mill-Komunità fuq il-bażi tal-kompetenzi tagħha fir-rigward tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, għandu jiġi eżaminat jekk id-deċiżjoni kkontestata, bħala tali, għandhiex tiġi kkunsidrata bħala miżura li l-għanijiet tagħha jaqgħu taħt il-politika Komunitarja ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp.

93 F'dan ir-rigward, il-punt 1 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata jafferma li l-akkumulazzjoni u t-tixrid eċċessiv u bla kontroll tal-armi żgħar u ta' kalibru żgħir mhumiex biss theddida għall-paċi u għas-sigurtà, iżda jnaqqsu wkoll il-prospetti għall-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari fl-Afrika tal-Punent.

94 Kif jirriżulta mill-punt 2 tal-motivi, id-deċiżjoni kkontestata hija intiża sabiex timplementa l-azzjoni konġunta inkwistjoni li permezz tagħha l-Unjoni tipprevedi, permezz tal-promozzjoni ta' miżuri li joħolqu l-fiduċja, li tilħaq l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' din l-azzjoni konġunta, jiġifieri l-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid destabilizzanti ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir u t-tnaqqis tal-provvisti eżistenti ta' tali armi.

95 B'mod kuntrarju għal dak li jsostnu l-Kummissjoni u l-Parlament, ma jistax jiġi nnegat li d-deċiżjoni kkontestata, safejn hija intiża sabiex timpedixxi akkumulazzjoni ġdida ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir fl-Afrika tal-Punent li tista' tiddistabilizza dan ir-reġjun, għandha għan ġenerali li tippreżerva l-paċi u li ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali.

96 Minkejja dan, mid-deċiżjoni kkontestata ma jistax jiġi dedott li, fil-konfront tal-għanijiet tagħha li tippreżerva l-paċi u li ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali, il-preokkupazzjoni tagħha li telimina jew li tnaqqas l-ostakolu għall-iżvilupp tal-pajjiżi kkonċernati li tikkostitwixxi l-akkumulazzjoni ta' tali armi hija biss aċċessorja.

97 Fil-fatt, kif jikkonfermaw il-punti 3 u 4 tal-motivi tal-imsemmija deċiżjoni, il-kontribuzzjoni finanzjarja u teknika li l-Unjoni tipprevedi li tagħti sservi sabiex tikkonsolida l-inizjattiva meħuda fil-qasam tal-armi żgħar u ta' kalibru żgħir mill-ECOWAS.

98 Għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata għandha bħala għan speċifiku li ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta' grupp ta' pajjiżi Afrikani li qegħdin jiżviluppaw biex jiġġieldu kontra fenomenu li jikkostitwixxi, skont il-punt 1 tal-motivi ta' din id-deċiżjoni, ostakolu għall-iżvilupp sostenibbli f'dawn il-pajjiżi.

99 Minn dan isegwi li d-deċiżjoni kkontestata għandha diversi għanijiet li jaqgħu, rispettivament, taħt il-PBSK u taħt il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, mingħajr ma wieħed minnhom huwa aċċessorju fil-konfront tal-ieħor.

Fuq il-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata

100 Il-konklużjoni magħmula fil-punti preċedenti mill-eżami tal-għan tad-deċiżjoni kkontestata ma tiddaħħalx inkwistjoni mill-analiżi tal-kontenut ta' din tal-aħħar.

101 Fil-fatt, mill-Artikolu 1(2) tagħha jirriżulta li d-deċiżjoni kkontestata tipprevedi kontribuzzjoni finanzjarja kif ukoll teknika sabiex tinħoloq Unità Armi Żgħar fi ħdan is-Segretarjat Tekniku tal-ECOWAS u sabiex tittrasforma f'konvenzjoni l-Moratorju li jeżisti bejn l-Istati Membri ta' din l-organizzazzjoni fir-rigward ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir. Għal dawn l-għanijiet, id-deċiżjoni kkontestata tipprevedi, fl-Artikolu 4(1) tagħha, ammont ta' riferiment ta' EUR 515 000.

102 Skont l-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata, l-implementazzjoni finanzjarja tal-imsemmija deċiżjoni hija fdata lill-Kummissjoni u, peress li din ikkonkludiet ftehim ta' finanzjament mal-ECOWAS, din l-implementazzjoni tieħu l-forma ta' għajnuna li mhijiex rimborsabbli li sservi, b'mod partikolari, biex tkopri, matul sena, ir-remunerazzjoni, l-ispejjeż ta' trasferiment, il-provvisti u t-tagħmir neċessarju sabiex tinħoloq Unità Armi Żgħar fi ħdan is-Segretarjat Tekniku tal-ECOWAS kif ukoll għat-trasformazzjoni tal-imsemmi moratorju f'konvenzjoni.

103 Fir-rigward tal-assistenza teknika li għandha tingħata mill-Unjoni, mill-proġett li jinsab fl-anness tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li din tinkludi l-ħatra ta' esperti responsabbli sabiex iwettqu l-istudji neċessarji għat-tħejjija ta' abbozz ta' konvenzjoni.

104 Issa, kif jirrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 211 tal-konklużjonijiet tiegħu, huwa biss fid-dawl tal-għanijiet tagħha li kontribuzzjoni finanzjarja, bħala assistenza teknika,

tista' tiġi kklassifikata bħala strument li jaqa' taħt il-PBSK jew taħt il-politika Komunitarja ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp.

105 Fil-fatt, għalkemm jeżistu miżuri bħalma huma l-għoti ta' sostenn politiku għall-implementazzjoni ta' moratorju jew anki l-ġbir u l-qerda ta' armi li jammontaw pjuttost għal operazzjonijiet ta' preservazzjoni tal-paċi, ta' tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali jew ta' promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali, li jaqgħu taħt l-għanijiet tal-PBSK elenkati fl-Artikolu 11(1) UE, id-deċiżjoni li jiġu ttrasferiti fondi u li tingħata assistenza teknika lil grupp ta' pajjiżi li qegħdin jiżvillupaw sabiex jitlesta abbozz ta' konvenzjoni, tista' taqa' kemm taħt il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u kemm taħt il-PBSK.

106 Fir-rigward tal-fatt li l-azzjoni konġunta inkwistjoni ġiet implementata permezz ta' deċiżjonijiet oħra adottati fil-kuntest tat-Titolu V tat-Trattat UE, li tagħhom il-Kummissjoni ma kkontestatx il-legalità, dan ma jistax jiddetermina r-riżultat tal-eżami li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha twettaq fil-kuntest ta' din il-kawża. Fil-fatt, id-determinazzjoni tal-bażi legali ta' att għandha ssir fid-dawl tal-għan u tal-kontenut tiegħu stess, u mhux fid-dawl tal-bażi legali użata għall-adozzjoni ta' atti oħra tal-Unjoni li jkollhom, jekk ikun il-każ, karatteristiċi simili (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50).

107 Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 87 ta' din is-sentenza, l-azzjoni konġunta inkwistjoni li d-deċiżjoni kkontestata hija intiża biex timplementa ma teskludix fiha nnfisha li l-għan tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi żgħar u ta' kalibru żgħir jista' jintlaħaq permezz ta' miżuri meħuda mill-Komunità peress li ssemmi, fl-Artikoli 8 u 9 tagħha, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tmexxi l-azzjoni tagħha lejn it-twettiq ta' dan l-għan, jekk ikun il-każ, permezz ta' miżuri Komunitarji rilevanti, kif ukoll l-obbligu tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jassiguraw il-konsistenza tal-attivitajiet tal-Unjoni fil-qasam tal-armi żgħar u ta' kalibru żgħir, fid-dawl b'mod partikolari tal-politiki tagħhom dwar l-iżvilupp, u l-implementazzjoni tal-azzjonijiet rispettivi tagħhom, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

108 Minn dak li ntqal qabel jirriżulta li d-deċiżjoni kkontestata tikkonsisti, fid-dawl tal-għan u tal-kontenut tagħha, f'żewġ komponenti li, mingħajr ma wieħed minnhom jista' jiġi kkunsidrat bħala aċċessorju fil-konfront tal-ieħor, jaqgħu, wieħed, taħt il-politika Komunitarja ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u, l-ieħor, taħt il-PBSK.

109 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punti 76 u 77 ta' din is-sentenza, għandu jiġi konkluż li l-Kunsill, meta adotta d-deċiżjoni kkontestata fuq il-bażi tat-Titolu V tat-Trattat UE, peress li din taqa' wkoll taħt il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, kiser l-Artikolu 47 UE.

110 Konsegwentement, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata.

111 Peress li l-imsemmija deċiżjoni għandha tiġi annullata minħabba li hija vvizzjata, mhuwiex neċessarju li tiġi eżaminata l-eċċezzjoni bbażata fuq l-allegata illegalità tal-azzjoni konġunta inkwistjoni.

**Fuq l-ispejjeż**

112 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kummissjoni ma talbitx li l-Kunsill jiġi kkundanat għall-ispejjeż, dawn iż-żewġ istituzzjonijiet għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 69(4), l-intervenjenti fil-kawża preżenti għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/833/PESK [PBSK], tat-2 ta' Diċembru 2004, li timplementa l-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK [PBSK] bil-ħsieb ta' kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-ECOWAS fil-qafas tal-Moratorju fuq l-armamenti ħfief [armi żgħar] u ta' kalibru żgħir hija annullata.**

**2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.**

**3) Ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju ta' Spanja, ir-Renju tal-Olanda, ir-Renju tal-Iżvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq kif ukoll il-Parlament Ewropew għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.**

Firem